# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 20**
**Rikors numru 50/15 AL**

**Joseph Grech**

**v.**

**Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u Prokuratur Legali Nadine Farrugia b'digriet tal-20 ta' April 2015 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Africa Molla maghrufa bhala Mahlet Molla Grech**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. "Illi huwa zzewweg mal-intimata fir-registru taz-zwieg il-Belt Valletta fil-5 ta' Dicembru 2006 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

2. "Illi wara li kienu ilhom mizzewgin aktar minn 5 snin, hija applikat ghac-cittadinanza Maltija li nghatatilha madwar sena wara.

3. "Illi fl-4 ta' Jannar 2014 l-intimata telqet mid-dar, marret holiday l-Etijopja, li huwa l-pajjiz tat-twelid taghha.

4. "Illi meta marret lejn l-Etijopja l-intiza kienet li tigi lura ghaliex kienet marret ghal holiday, izda wara li telqet ghamlitha cara li mhix se tigi

lura u meta l-esponenti ipprova jikkonvinciha biex tigi lura hija rrifjutat u qatghet il-kuntatt kompletament, u nehhiet kemm it-telefon u kemm il-facebook taghha. Illum il-gurnata l-esponenti ma ghandu l-ebda idea fejn qeghda.

5. "Illi, ghalhekk, l-intimata irrendiet ruhha hatja ta' sevizzi, ingurji gravi u abbandun taz-zwieg, u apparti dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

6. "Illi l-esponenti gie awtorizzat li jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet tat-30 ta' Jannar 2015 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 295/2015.

7. "Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. "Tippronunzja is-separazzjoni personali bejn l-partijiet ghar-ragunijiet premesi imputabbli ghall-intimata;

ii. "Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament indaqs;

iii. "Tapplika kontra l-intimata is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn eccepew illi huma ma humiex dedotti bil-fatti u allura irriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonjiet ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-25 ta' Ottubru 2013;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

"Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet relatat maz-zwieg li sehh fil-5 ta' Dicembru 2006. Min-naha tieghu, l-attur qieghed jghid li z-zwieg tkissier irrimedjabbilment ghal

ragunijiet li huma imputabbli lill-konvenuta assenti kif rapprezentata mill-kuraturi deputati, senjatament l-abbandun.

“Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti ddikjaraw li m’humiex edotti mill-kaz u konsegwentement irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f’kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

“**Verzjoni ta’ l-attur**

“L-attur xehed permezz ta’ affidavit[1] u fih ta id-dettalji kollha taz-zwieg tieghu u l-mod li bih tkisser. Huwa jghid li fil-passat kien jivvjagga hafna u fis-sena 2004 kien iltaqa’ mal-mara tieghu fi vjagg fl-Etijopja u hemmhekk ghamel arrangement li jiltaqa’ maghha fis-sena 2005 u fit-tieni zjara ghamel minn kollox biex il-mara tieghu tottjeni l-visa u tigi Malta, sahansitra kien jibghat flus lilha biex jghina finanzjarjament ukoll. Illi f’Settembru 2005, omm l-attur ospitat lill-konvenuta, u sa mill-bidu l-attur kien imantni lill-konvenuta. Sena u xaghrejn wara, fil-5 ta’ Dicembru 2006, l-partijiet izzewgu.

“Il-partijiet baqghu jghixu fid-dar t’omm l-attur u wara xi zmien xtraw id-dar matrimonjali Flat 4, Dingli Mansions, Sir Adrian Dingli Street, Sliema, u l-attur jiddikjara li ghadu jghix fih sal-lum. Hu jghid li l-hajja matrimonjali taghhom kienet wahda normali u hu kien u ghadu jopera hanut bhala grocer li huwa ‘The Store, 5, Dingli Street, Sliema, liema grocer gie ghandu b’wirt ta’ missieru. L-attur jghid li martu Africa kienet tghinu f’xogholu u kien ihallasha ta’ dan. Matul iz-zwieg il-konvenuta marret lura l-Etijopja madwar tlett darbiet sabiex izzur lill-familja taghha u kull darba kienet iddum madwar xahrejn u kienet tiehu maghha somma sostanzjali ta’ flus.

“Fl-4 ta’ Jannar 2014, il-konvenuta telqet minn Malta u l-attur kien minghalih li sejra ghal madwar xaharejn bhas-soltu, izda din id-darba ma gietx lura. L-attur jghid li kellimha darba biss permezz tat-telefon u hi nfurmatu li kellha bzonn il-flus izda huwa m’accettax li jaghtiha l-flus u hi qaltlu li ma kenitx gejja lura.

“L-attur jghid li missieru miet fid-19 ta’ Mejju 2007 u li hu wiret diversi affarijiet ta’ missieru, fosthom il-gestjoni tal-hanut li missieru kien ghaddielu qabel ma ltaqa’ ma martu, u diversi beni immobbli. Hu jghid li ma’ ommu assenja sehmu minn propjeta’ li waslet ghandu minn dan

[1] Ezebit a fol 35 tal-process u immarkat bhala Dok JG

il-wirt lil huh u bl-istess att huh u ommu assenjawlu sehemhom mill-propjeta' Flat 1A, Sir Adrian Dingli Street, Sliema, b'dan li llum l-attur huwa sid il-propjeta' Flat 1A, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

"L-attur izid ighid li huwa wiret ukoll 2,365 tal-Go Plc Ordinary Shares u wiret ukoll fi flus kontanti s-somma ta' €68,303.20 u ukoll jghid li peress li kien ilu zmien jahdem fil-hanut qabel ma zzewweg, kellu mgemmghin bhala kontanti s-somma ta' €70,000, liema somma intuzat biex tinxtara d-dar matrimonjali. L-attur jghid li l-partijiet kellhom kont bankarju kongunt ma' l-HSBC li sar matul iz-zwieg u li fih hemm is-somma ta' €160, huwa ghandu wkoll current account li juza' ghax-xoghol. Hu jghid ukoll li matul iz-zwieg inxtrat id-dar matrimonjali 4, 2 Dingli Mansions, Dingli Street Sliema ghall-prezz ta' €139,762 li huma flus li kienu mgemmghin minn qabel iz-zwieg u parti mill-flus li l-attur wiret minghand missieru. L-attur ta ukoll is-somma ta' €5000 lill-mara tieghu  biex tmur l-Etijopja l-ahhar darba li marret u qatt ma rritornat.

"Fl-affidavit tieghu l-attur jaghti wkoll l-fejma tieghu dwar kif ghandha tinqasam il-komunjoni ta' l-akkwisti.

"**<u>Provi migbura quddiem il-Qorti</u>**

"Il-Qorti tirrileva li l-attur ipprezenta diversi provi dokumentarji biex jissostanzja dak kollu li qal fl-affidavit tieghu. Huwa ipprezenta kopja awtentikata ta' kuntratt tad-dar matrimonjali datat 20 ta' Lulju 2009[2] meta l-partijiet xtraw id-dar matrimonjali taghhom. Jipprezenta wkoll kopji ta' *transfers* ta' flus li l-attur kien jaghmel lill-konvenuta meta kienet tkun imsiefra[3]. Huwa jipprezenta wkoll kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sciberras Trigona datat 30 t'April 2008[4] li permezz tieghu l-attur ta sehemu minn propjeta' li wiret minghand missieru lil huh u vice versa u dan kif spjegat fl-affidavit ta' l-attur. Huwa ipprezenta wkoll kopja li turi d-depoziti ta' ishma tal-GoPlc li l-attur wiret minghand missieru[5].

"Gie prezentat ukoll affidavit tal-Perit Albert Borg Constanzi illi permezz tieghu x-xhud jiddikara li fid-data tas-17 ta' Gunju 2015, id-data li fih halef l-imsemmi affidavit, huwa ivvaluta d-dar matrimonjali tal-partijiet fl-ammont ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000). Jixhed

[2] Ezebit bhala Dok A a fol 40 tal-process
[3] Ezebiti bhala Dok B u Dok C a fol 46 u fol 47 tal-process
[4] Ezebit bhala Dok D a fol 48 tal-process
[5] Ezebiti bhala Dok E, Dok E2, Dok F u Dok G a fol 54, 55, 56 u 57 tal-process

ukoll permezz ta' affidavit[6] George Olof Attard li joqghod vicin il-hanut ta' l-attur u ilu jaf lill-attur ghal hamsa u tletin sena. Hu jikkonferma li l-attur ilu bil-hanut minn qabel ma ltaqa mal-mara tieghu. Jikkonferma wkoll li l-konvenuta kienet tghin lill-attur fil-gestjoni tal-hanut, u qatt ma innota li kien hemm xi problem bejn il-partijiet.

"**Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg**

"Fir-rikors guramentat u fl-affidavit tieghu l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ta' separazzjoni personali fuq l-abbandun min-naha tal-konvenuta. Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk :

> "*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba"*.

"Permezz ta' l-affidavit tieghu, l-attur jiddikjara li l-konvenuta telqet minn Malta ghal dejjem f'Jannar 2014 u infurmatu bl-intenzjoni taghha li ma tirritornax f'Mejju 2014. Din il-kawza giet intavolata fit-13 ta' Marzu 2015 u ghalhekk mhux wara s-sentejn li jsemmi l-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, madanakollu s-sitwazzjoni matrimonjali tal-kaz in ezami ghadha ma nbidlitx u l-abbandun ghadu jissussisti anke pendenti dawn il-proceduri, u dan wara li ghadda t-terminu operattiv tas-sentejn imsemmija fil-Ligi.

"Il-konvenuta qabdet u arbitrarjament telqet mid-dar matrimonjali u telqet lill-attur wara li l-partijiet kienu ilhom li zzewgu mis-sena 2006. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova kontrarja ghal dak li qed isostni l-attur u tiddikjara wkoll li m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex, fic-cirkostanzi, taghti kredibilita' shiha lill-verzjoni ta' l-attur. Il-konvenuta lanqas ma ressqet provi sodisfacjenti li jirrendu l-abbandun taghha mid-dar matrimonjali bhala wiehed legali jew ghal xi raguni validu.

"Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, u wara li qrat l-affidavit ta' l-attur li ma hux kontradett mill-konvenuta, rat li jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment tort tal-konvenuta, minhabba abbandun.

"**Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

"L-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma:

---

[6] Affidavit ezebit a fol 59 tal-process

1. “Kont bankarju HSBC kongunt f’isem iz-zewg partijiet li fih l-ammont ta’ mija u sittin Ewro (€160);
2. “Id-dar matrimonjali Appartament numru 4, 2 Dingli Mansions, Dingli Street, Sliema li nxtrat fl-20 ta’ Lulju 2009;

“Rigward il-kont tal-bank imsemmi mill-attur[7], il-Qorti tordna li l-ammont f’dan il-kont ghandu jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet filwaqt li jekk hemm xi kontijiet ohra, dawn kollha ghandhom jigu assenjati f’isem min qeghdin intestati.

“Rigward id-dar matrimonjali, l-attur jghid li huwa xtara din id-dar ghall-prezz ta’ €139,762 bi flus parafernali, in parti flus li kien wiret minghand missieru, u in parti bi flus li kien gemma matul iz-zmien qabel iz-zwieg. Ma sar l-ebda kontro-ezami ta’ l-attur u ghalhekk fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni, l-Qorti qed tikkunsidra l-verzjoni ta’ l-attur bhala veritiera u ghalhekk tara li huwa l-attur li hallas id-dar matrimonjali minn flus li wiret minghand missieru u minn flus parafernali u li gew generati bil-hidma tieghu esklussivament. Il-Qorti qeghda tiehu wkoll bhala veritiera l-verzjoni ta’ l-attur li huwa ta s-somma ta’ €5000 lill-konvenuta biex tonfoq fil-vaganza fl-Etijopja u li wara din il-vaganza ma rritornatx .

“Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti, filwaqt li ser tordna l-qasma ta’ l-assi tal-komunjoni billi tordna l-bejgh ta’ l-appartament stmat li jiswa mija u tmenin elf Ewro (€180,000) kif ivvalutat mill-Perit Albert Borg Costanzi, liema valutazzjoni ma giet bl-ebda mod kontraddetta, ser tirrizerva lill-attur id-dritt li jigbor mir-rikavat tal-bejgh mhux biss nofs l-eventwali rikavat tal-prezz qua sehmu mill-propjeta’ izda wkoll l-ammont ta’ mija u erbgha u erbghin elf sebgha mija tnejn u sittin Ewro (€144,762), rapprezentanti il-hamest elef Ewro (€5000) moghtija lill-konvenuta mill-attur biex taghmel vaganza fl-Etijopja li huma flus li l-konvenuta uzat biex titlaq minn Malta darba ghal dejjem u l-prezz imhallas mill-attur fuq l-appartament fl-ammont ta’ mija disa’ u tletin elf seba’ mija tnejn u sittin Ewro (€139,762).

“Din il-propjeta’ 4, 2 Dingli Mansions, Dingli Street, Sliema ghandha tinbiegh bis-subbasta ghal mhux inqas mill-valur ta’ mija u tmenin elf Ewro (€180,000) kif ivvalutat mill-Perit Albert Borg Costanzi, liema valutazzjoni ma giet bl-ebda mod kontraddetta, u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu l-ammont ta’ mija u erbgha u erbghin elf sebgha mija

[7] Il-Qorti ma nghatatx informazzjoni dwar in-numru ta’ dan il-kont ghajr li huwa l-uniku kont kongunt f’isem il-partijiet mal-Bank HSBC li nfetah fi Frar 2008 u llum fih l-ammont ta’ mija u sittin Ewro (€160)

tnejn u sittin Ewro (€144,762) biex jigi konsenjat lill-attur, jigi assenjat nofs lill-attur u n-nofs l-iehor lill-konvenuta.

"**Dwar id-dekadenza tal-konvenuta**

"L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

"Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-konvenuta hija hatja ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat fil-Kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" minhabba l-abbandun totali taghha u ghalhekk tara li hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigi applikat kontra l-istess konvenuta l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Decide**

"Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. "Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment minhabba abbandun da parti tal-konvenuta;
2. "Tilqa' t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata, "Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti";
3. "Tilqa' t-tielet talba u tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

> "L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta, b'dan illi provvizorjament, l-attur ghandu jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati".

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza imsemmija billi tilqa' l-aggravji tieghu u senjatament talab li din il-Qorti:

> "a) Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Onorabbili Qorti ordnat li jsir il-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` immobiljari;
>
> "b) tordna l-proprjeta` immobiljari flat 4, 2 Dingli Mansions, Dingli Street, Sliema tigi assenjata fl-intier taghha lill-esponenti;
>
> "c) tordna illi mill-valur tal-proprjeta` immobiljari kif stabbilit mill-Qorti in Prim Istanza jew kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli, skond il-kaz, jitnaqqas l-ammont likwidat favur l-esponenti mill-Ewwel Onorabbili Qorti u l-bilanc li jifdal jinqasam bejn iz-zewg partijiet u b'dan illi, stante li l-intimata hija rapprezentata minn kuraturi u ghalhekk provizorjament l-esponenti ser ikollu jhallas id-drittijiet u spejjez li suppost kellha thallas l-intimata, mis-sehem spettanti lill-intimata jnaqqas l-ammont li l-esponenti jkollu jhallas rapprezentanti d-drittijiet u spejjez kollha li suppost thallashom l-intimata.
>
> "d) tahtar Nutar sabiex jippublika l-att opportun u kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.
>
> "23. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata".

Rat ir-risposta tal-konvenuti nomine li permezz taghha iddikjaraw li ma jopponux ghal dawn it-talbiet, salv li l-persuna rapprezentata minnhom tiehu sehmha skont il-ligi u fir-rigward tal-ispejjez opponew li hija tkun ikkundannata thallas xi spejjez tal-appell ghaliex dan l-appell qed isir ghall-beneficcju tal-appellant biss;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJU TAL-ATTUR**

Illi **l-uniku aggravju** huwa dwar il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi ordnat il-bejgh tal-unika proprjeta` formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u l-qsim tar-rikavat bejnithom. L-appellant jargumenta li mhux xieraq li wara li l-konvenuta abbandunatu huwa jkun kostrett ibiegh din il-proprjeta` izda qed jitlob li huwa jzomm din il-proprjeta` ghaliex kien ukoll hallas l-ammont li bih giet akkwistata l-istess dar u jhallas lill-konvenuta nofs il-valur li bih zdiedet matul il-kors taz-zwieg.

Ghandu jinghad li l-ewwel Qorti iddikjarat li kienet qed temmen lill-attur li huwa "hallas id-dar matrimonjali minn flus li wiret minghand missieru u minn flus parafernali li gew generati bil-hidma tieghu esklussivament". Qieset ukoll bhala veritjiera d-dikjarazzjoni tieghu li huwa ta s-somma ta' 5,000 euros lill-konvenuta meta din marret l-Etijopja u ma irritornatx lura. Fil-fatt ordnat li wara l-bejgh tal-proprjeta` l-appellant jippreleva favur tieghu s-somma ta' 144,762 Euro (139,762 + 5,000).

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li b'dan il-mod qed jinholoq inkonvenjent sostanzjali ghall-appellant meta ma hemmx lok ghalih u dan meta mill-atti jidher li huwa ma kellu ebda tort ghat-tifrik taz-zwieg. Anzi l-Qorti tasal biex izzid li din is-sitwazzjoni tista' twassal ghal diffikulta` ghall-istess appellata biex tiehu sehemha ghaliex hemm possibbilta` li bil-bejgh bis-subasta ma jgibx il-prezz necessarju biex il-partijiet ikunu jistghu jiehdu sehemhom.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti aktar jaghmel sens li l-appell jigi milqugh u l-proprjeta` in kwistjoni tigi assenjata lill-appellant. Naturalment pero` huwa ghandu jhallas lill appellata **nofs** id-differenza fil-prezz ta' meta inxtrat ghall-valur tal-lum; ghalhekk is-somma ta' 180,000 euro (valur aggornat tal-proprjeta` skont il-valutazzjoni tal-A.I.C Borg Costanzi) nieqes €139,762 li jaghti rizultat ta' €40,238 u li diviz bi tnejn iwassal ghas-somma ta' 20,119 euros; l-attur ghandu pero` jiehu nofs is-somma ta' 5,000 li huwa ta lill-appellata qabel ma siefret (peress li din is-somma tappartjeni wkoll ghall-komunjoni tal-akkwisti) u kwindi s-somma pagabbli lill-appellata ghandha tkun ta' 17,619 euros.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu u ghalhekk tordna li tigi assenjata l-proprjeta` imsemmija lill-appellant b'dan illi l-istess appellant ghandu jhallas fuq il-kuntratt relattiv stess lill-appellata

s-somma ta 17,619 euros; tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv u lill-istess kuratrici deputata Dr Yana Micallef Stafrace biex tidher fuq l-istess att bhala kuratrici ghall-kontumacji; il-kuntratt jigi pubblikat fl-edificcju tal-Qrati Superjuri fil-jum u hin illi jigi iffissat mill-Qorti stess fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet jew l-istess Nutar nominand; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata peress li l-istess kumplament tas-sentenza ma giex appellat; l-ispejjez tal-appell ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti; dawk tal-ewwel istanza kif deciz minn dik il-Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb